**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

*SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL- GIMGHA 14 TA' DICEMBRU, 2001**

**Avviz Nru: 1429/01 AJD**

**IES Computers Limited**

**Vs**

**PC Technologies Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta' Novembru, 2001, fejn intalab li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u seba' liri Maltin u tmienja u erbghin centezmu (Lm407.48) rapprezentanti l-bilanc ta' prezz ta' apparat elettroniku mibjugh u kkonsenjat lis-socjeta' konvenuta, fuq ordni u inkarigu tal-istess socjeta' konvenuta, mis-socjeta' attrici.
Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru li qed jigi prezentat kontestwalment, u bl-imghax mill-24 ta' Mejju, 2001, sal-gurnata tal-effettiv pagament, kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra n-nota ta' ammissjoni tas-socjeta' konvenuta tas-7 ta' Dicembru, 2001, fejn l-istess socjeta' konvenuta ammettiet it-talba attrici.

Ghaldaqstant, fuq ammissjoni, it-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u seba' liri Maltin u tmienja u erbghin centezmi (Lm407.48) bl-imghaxijiet legali kif mitluba.

L-ispejjes ta' dina l-istanza inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju

prezentat kontestwalment mal-Avviz, jithallsu interament mis-socjeta' konvenuta skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**